Minuti tal-Laqgħa Nru. 2 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 20 ta' April 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa u Ġieħ Ħal Luqa
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma wkoll li se jkun hemm skema E GOV 4U sabiex din l-iskema tgħin lill-Kunsilliera biex jagħmlu użu aħjar mill-computer għax xogħol relatatt mal-Kunsill. Huwa saqsa jekk hemmx xi Kunsilliera interessati li jattendu għal dan il-kors.

3.2 Il-Kunsilliera Sammut infurmat li hija kienet attendiet għal launching tal-courses I kids mit-TCTC. Hija infurmat li dawn kienu se joffru tlett courses differenti għal tfal t' etajiet differenti. Hija għaddiet materjal promozzjonali dwar il-courses lis-Segretarju biex jiġu mwaħħla fin-noticeboard. Hija infurmat wkoll li t-TCTC tista tassisti sabiex jkun hemm servizz t online streaming sabiex il-laqgħat tal-Kunsill jkunu jistgħu jiġu mwassla direttament.

3.3 Il-Kunsilliera Sammut semmiet wkoll li kienet għamlet kuntatt ma rappreżentat mill-MEUSAC li seta jagħti aktar informazzjoni lill-Kunsill fuq opportunitajiet ta fondi. Is-Sindku issuġġerixxa biex isir appuntament ma dan ir-rappreżentant.

3.4 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera Sammut sabiex tagħmel kuntatt mas-self employed u tara dwar id-diffikultajiet li huma jsibu.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma sabiex in-notice boards tal-Kunsill Lokali jkunu imnaddfa mill-karti bla bżonn u jintużaw aħjar.

3.6 Is-Sindku semma li se jkun hemm attivita mtellgħa mill-NSTF ġewwa Xrobb l-Għaġin u li kien hemm stedina lill-Kunsill peress li hemm xi studenti tal-primarja minn Ħal Luqa.

3.7 Il-Kunsillier Caruana ressaq kwotazzjoni lill-Kunsill biex isir xogħol ta bank tal-ħadid fil-garaxx biex jiġi użat mill-ħaddiema. Kien hemm kwotazzjoni oħra li kienet tindika kemm jiswa l-materjal tal-ħadid biex isir ix-xogħol mingħand supplier barra dik tax-xogħol. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li huwa kien kellem lis-Sur. Andrew Bondin sabiex jirrinforza l-platform tal-ħadid tal-arblu.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li peress li l-arble bħalissa jinsab maqlugħ għalhekk jiġi restawrat mill-ħaddiema tal-Kunsill u miżbugħ mill-ġdid.

3.9 Il-Kunsillier Caruana ressaq proposta sabiex il-Kunsill jassisti u jorganiżża attivita li minnha jistgħu jinġabru fondi li minhom jinxtara wheelchair għal guvni bi bżonnijiet speċjali. Din il-persuna bħalissa hija residenti f' San Vinċenz de Paule. Il-Kunsillier Caruana anki ppreżenta stima tal-wheelchair.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri semma wkoll li se tkun organiżżata il-kompetizzjoni ta Puttinu Cares u ssuġġerixxa biex jinħoloq team li jieħu sehem għal din il-kompetizzjoni. Is-Sindku qal biex jikkordina fuq din l-attivita. Il-Kunsillier Camilleri qal biex minn fost dawk iż-żgħażagħ li jieħdu sehem jinġabru flus u jingħataw donazzjoni lil Puttinu Cares.

3.11 Il-Kunsillier Caruana issuġġerrixxa biex is-sleeping policeman li hemm f, Carmel Street titneħħilha l-parti ċentrali tagħha minħabba li din qed tkun ta periklu għan nies li jkunu għaddejin minn hemm. Huwa qal li fejn hemm il-garaxxijiet ta Triq San Ġorġ hemm bżonn isir bollard minħabba li hemm karozzi li qed jitilgħu fuq il-bankina. Dwar Triq il-Gudja huwa qal li hemm parti mill-bankina nieqsa sabiex din isir.

## 4.0 JUM ĦAL LUQA U ĠIEĦ ĦAL LUQA

4.1 Il-Viċi Sindku qara kif se jkun il-program tal-attivitajiet fl-okkażjoni ta Jum Ħal Luqa. Huwa spjega li dan il-program se jkun maqsum bejn il-15 u l-20 ta Mejju. Il-Viċi Sindku qal wkoll li s-Sotto Kumitat qed jiltaqa kull ġimgħa sabiex jipprepara għal din l-okkażżjoni.

4.2 Is-Sindku kompla jelabora fuq il-program tal-Viċi Sindku u ta d-dettalji. Huwa stieden lill-Kunsilliera kollha preżenti sabiex jattendu u jagħtu sehemhom waqt dawn il-laqgħat.

4.3 Is-Sindku semma li għal din l-attivita il-Kunsill ingħata biss € 2,000 biex isiru l-attivitajiet kollha u trid tinħadem f' dawn il-parametri.

4.4 Dwar il-ġurnata tal-Ħadd, is-Sindku semma li se jkun inawgyurat ukoll il-ktieb tal-poeżiji ta Pietru Pawl Theuma. Dan il-ktieb kien sponsored mill-HSBC u anki minn flus li nġabru biex intużat is-sala għal courses tal-agrikoltura. Il-Kunsill ma ħareġ l-ebda fondi extra sabiex ġie iffinanzjat dan il-ktieb.

4.5 Dwar il-mixgħela fi Triq Pawlu Magri l-Kunsillier Caruana semma jekk tistax titqassam ix-xemgħa lir-residenti sabiex dawn ipoġġuha fit-twieqi.

4.6 Is-Sindku ppropona biex din is-sena Ġieħ Ħal Luqa jingħata lil tlett persuni. Huwa ippropona lill-ex Kappillan Dun Karm Camilleri, lill-Kanonku Dun Karm Zammit u lill-iskultur Twanny Ellul. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu biex dawn il-persuni jingħataw dan l-unur.

4.7 Il-Kunsillier Caruana semma biex il-plakka tal-irħam li hemm mwaħħla mal-ħajt bl-ismijiet tal-persuni li ħadu Ġieħ Ħal Luqa tiġi aġġornata rigward l-ismijiet. Is-Sindku qal li se jiċċekkja ma persuna biex taġġorna din l-irħama bl-ismijiet. Huwa ssuġġerrixxa wkoll biex waqt dawn l-okkażżjonijiet ikun hemm bibita speċjalment għal dawk il-persuni li se jingħataw Ġieħ Ħal Luqa.

4.8 Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Falzon sabiex jinkariga ruħu fit-twaqqif tas-Sotto Kumitat għal Isports. Il-Kunsillier Falzon qara lista ta ismijiet li kien ħejja bħala membri li jistgħu jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat. Huwa semma wkoll li kien hemm is-Sur. Daryl Connor li għalkemm dan kien avviċinat biex jifforma parti minn dan is-Sotto Kumitat huwa qal li

ma setax jifforma parti. Is-Sindku semma li huwa stess kien kellem lis-Sur. Connor imma dan xorta ma aċċettax anki minħabba li matul iż-żmien tas-sajf huwa se jkun Buġibba.

4.9 Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm oġġezzjonijiet dwar il-membri minn naħa tal-Kunsilliera. Billi ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni is-Sotto Kumitat kien approvat unanimament.

4.10 Is-Sindku ssuġġerrixxa biex is-Sotto Kumitat tal-isports jorganiżża attivita sportiva fl-okkażżjoni ta Jum Ħal Luqa.

4.11 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienet se ssir tellieqa tal-ħamiem nhar is-Sibt. Huwa saqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jagħti finanzjament sabiex jingħataw rigali ta flus lil dawk ir-rebbieħa. Is-Sindku wieġeb li biex din isir trid tkun organiżżata mill-Kunsill Lokali b' kollaborazzjoni ma Għaqda.

4.12 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa wkoll biex għal waqt dawn l-okkażżjonijiet tinstab persuna biex tieħu r-ritratti.

Il-laqgħa giet fi tmiemha l-Ġimgħa 20 ta' April 2012, fis-7.15 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ______________________ 2012.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv